

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

24.9.2007

0083/2007

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Irena Belohorská, Sergej Kozlík u Peter Baco

dwar l-attivitajiet tal-milizzja tal-lemin estrem, il-Gwardja Ungeriża

Data ta' skadenza: 24.12.2007

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-attivitajiet tal-milizzja tal-lemin estrem, il-Gwardja Ungeriża**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ħolqien u l-attivitajiet tal-Gwardja Ungeriża, grupp tal-lemin estrem li twaqqaf fir-Repubblika ta' l-Ungerija f'Awwissu ta' din is-sena, qajjmu tħassib u biżgħat, mhux biss fil-pajjiż ta' l-oriġini tiegħu iżda wkoll fl-Istati li jmissu miegħu,
- B. billi l-qrati Ungeriżi ma kkuntestawx l-attivitajiet ta' dan il-grupp nazzjonalista u ppermettew li jkun irreġistrat, u għaldaqstant l-attività tiegħu hija legali,
- C. billi l-Gwardja Ungeriża tat lilha nfisha l-għan li tħares lill-Ungerija mill-attakki tal-pajjiżi li jmissu magħha, terminu li, fil-probabilità kollha, jkopri lill-pajjiżi ġirien li għandhom minoranza Ungeriża sinifikanti, bħal, pereżempju, is-Slovakkja, ir-Rumanija jew is-Serbja, u billi l-mexxejja ta' dan il-partit ħabbru li huma qatt mhu se jirrinunzjaw għar-rivendikazzjoni li l-Ungeriżi kollha għandhom jgħixu fi Stat wieħed u uniku,
- D. ifakkar li l-istorja uriet f'liema forom jista' jevolvi n-nazzjonaliżmu militanti,
- E. billi l-ebda soċjetà demokratika attwali m'għandha tittollera r-radikalizzazzjoni ta' gruppi u attivitajiet bħal dawn,
  1. jistieden lill-awtoritajiet kompetenti, fir-Repubblika ta' l-Ungerija, iżda wkoll fil-livell Ewropew, biex isegwu b'attenzjoni l-attivitajiet tal-Gwardja Ungeriża;
  2. jistieden lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea biex jimmonitorjaw mill-qrib l-attivitajiet ta' gruppi nazzjonalisti, bħall-Gwardja nazzjonali, u biex jieħdu miżuri b'saħħithom kontra l-attivitajiet li jistgħu jipprovokaw, fil-ġejjieni, sitwazzjonijiet ta' kunflitt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri, kif ukoll lill-Kunsill.